**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

AZ, għalliem, iben YZ u l-mejta M nee' F imwieled XX u residenti XX, detentur tal-karta tal-identita' XXX

*vs*

L-Avv.........................................................

u l-P.L........................................................
maħtura kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw direttarji u sub-direttarji mhux magħrufa tal-appartament internament numerat bin-numru ħamsa (5) li jifforma parti minn blokk ta' appartamenti bl-isem ta' "X Flats" blokk numru XX (X) fi Triq il-XX ġewwa XX

**Ċedola ta' Depożitu u Kontestwali Fidi ta' Ċens ta' AZ (K.I XXX);**

Jesponi bir-rispett,

Illi permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar XX XX tal-XX XX XX (Dok. A), l-esponenti akkwista l-appartament internament numerat bin-numru XX (X) li jifforma parti minn blokk ta' appartamenti bl-isem ta' "X Flats" blokk numru XX (X) fi Triq il-XX ġewwa XX, liema fond imiss mit-tramuntana mal-imsemmija triq, mill-lvant mal-propjeta tas-suċċessuri fit-titlu tal-mejjet Dottor XX XX jew is-suċċessuri tiegħu fit-titlu u mill-punent mal-propjeta ta' XX XX jew is-suċċessuri tiegħu fit-titlu jew irjieħ verjuri aktar preċizi;

Illi l-imsemmi beni ossia appartament huwa soġġett għar-rata tiegħu ta' ċens u sub-ċens annwu u perpetwu ta' XX liri u XX ċentezmu tal-valuta l-antika (LM X) ekwivalenti għal XX euro u XX ċenteżmu (€X);

Illi għal kull buon fini jiġi dikjarat li oriġinarjament l-arja fejn illum hemm mibni l-appartament *de quo* kien soġġett ossia kien jagħmel parti minn fond soġġett għar-rata akbar ta' ċens annwu u perpetwu ta' XX lira u X xelini (£X) u sub-ċens ta' XX lira, XX il-xelin u XX soldi (£X) u dan kif jirriżulta minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tal-XX (X) ta' XX XX bejn XX u XX U XX aħwa XX. Sussegwentement, u ċjoe permezz ta' kuntratt ieħor fl-Atti tan-Nutar XX X tal-XX XX XX, XX XX f'isimha propju u f'isem it-tfal tagħha biegħu parti mill-proprjeta ossia l-appartament *de quo* soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' XX euro u XX ċenteżmu (€X) ġja XX liri u XXX ċentezmu tal-valuta l-antika (LM X) lil XX u XX konjugi XX. Permezz ta' kuntratt ieħor fl-Atti tan-Nutar XX XX tal-XX XX XX, Agius biegħu l-appartament imsemmi lil XX XX biex imbagħad dan ġie akkwistat mill-esponenti permezz tal-kuntratt suriferit;

Illi l-esponenti ma jafx għand min jitħallas dan iċ-ċens u sub-ċens u għalhekk qiegħed kontestwalment jipproċedi għan-nomina ta' kuraturi deputati;

Illi l-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruħu mill-fakolta li għandu ai termini ta' l-Art. 1501 tal-Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta sabiex jifdi tali ċens;

Illi tali appartament iservi bħala l-unika residenza ordinarja tal-esponenti;

Illi dan ic-ċens ta' €X fis-sena kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jammonta għal XX ewro u XX ċenteżmu (€X);

Għaldaqstant l-esponenti jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorita tagħha jiddepożita s-somma ta' €X, prezz tal-fidi ta' tali ċens sabiex tiġi liberament żbankata minn min għandu jedd għalija prevja r-rilaxx ta' debita riċevuta u b'hekk jifdi ċ-ċens u s-sub-ċens gravanti l-appartament sopradeskritt.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

P.L Jean-Pierre Busuttil

Esponenti: Fl 5, Blk 1 "A Flats", Triq il-Makna tas-Serrar, Msida

Intimati: Il-Qorti, Valletta (notifiki separati)

Notifika: Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, Triq l-Arċisqof, Valletta
(żewġ kopji)